MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1273/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**VS**

**Kurt Buttigieg, iben Vincent u Vincenza nee' Galea, imwieled Tal Pieta' nhar id-9 ta' Ottubru, 1981, residenti fil-fond numru 68, St Joacchin, Triq il-Farfett, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' numru 559081M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra '1 hawn fuq imsemmi **Kurt Buttigieg** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Novembru, 2011 u matul l-ahhar xhur ta' qabel din id-data:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont

ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 3292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli kkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh;

e. U kif ukoll talli sar recidiv wara diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar il-5

ta’ Dicembru, 2007 moghtija mill-Magistrat Dr M Mallia LL.D.; kif ukoll ta’ nhar it-12 ta’ Marzu, 2009, 15 ta’ April, 2010 u 16 ta’ Gunju, 2011, liema sentenzi gew moghtija kollha mill-Magistrat Dr S Demicoli LL.D, liema decizjonijiet saru definittivi.

Rat illi moqrija dawn l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi kollha in evalutazzjoni tal-akkuzi migjuba.

Xehdu l-pulizija li kienu nvoluti fit-tfittxija u arrest tal-imputat.

Xehed **PC 10 Trevor Cassar Mallia**, li qal illi fis-16 ta’ Novembru, 2011 wara nofsinhar, hu flimkien ma’ pulizija ohra gie kkuntattjat minn PS 1086 li qallu li kien ra bniedem maghruf fid-dinja tad-droga li rikeb go vettura taxi CTY105 Passat bajda. Kienu qed isegwu l-vettura. Qal illi hu saq lejn il-Lidl u x’hin wasal hdejn il-Knisja ta’ San Frangisk, rah hiereg minn Triq il-Kappillan Mifsud. Qal illi ghamel u-turn u li saq warajh. Waqqfuh fuq iz-zebra crossing. Mieghu kien hemm PC 760 Christopher Saliba.
Qal illi saret tfittxija fil-vettura tieghu, u minn gol-bieba gie elevat bott pepper spray u sitt mija u ghaxar Ewro (€610). Qal illi waqt li kien qed jaghmel search, PC 760 Saliba innota li l-imputat kien qed jaghmel xi haga ma’ dahru. Qal illi tefghu mall-ewwel mal-karozza, b’idejh ‘il fuq, iccekkja billi gibidlu l-qalziet ‘il barra u fil-boxer shorts, fix-xaqq, kellu borza bi trab abjad. Giet elevata u hu – Buttigieg, mill-ewwel qallu li

ma kinitx tieghu, pero qallu wara li kienet tieghu ghall-uzu personali.
Qal illi meta waslu biex jaghmlu tfittxija fil-bagoll, siehbu PC 760 innota borza mal-art li kien fiha xi blokok bojod suspettati kokaina. Zied illi ghalkemm dak il-hin kienet ix-xita, pero dawn il-boroz kienu nexfin. Qal illi meta ra l-boroz kien distanza ta’ zewg metri ‘l boghod mill-imputat.

**PC 760 Christopher Saliba** minn naha tieghu qal ukoll illi waqqfu t-taxi msemmija. Qal illi meta nizel mar mill-ewwel fuq il-bieba tax-xufier – ta d-drittijiet tieghu lix-xufier, barra li qallu li kien pulizija. Ghamel ‘*frisk search*’ fuq il-persuna ta’ Kurt Buttigieg, fittixlu biss fil-bwiet minn fejn eleva l-flus imsemmija. Meta fittex fin-naha tax-xufier, minn gol-bieba hareg sikkina u bott *pepper spray*.
Ikkonferma li PC 10 minn naha ta’ wara tal-*boxer shorts* ta’ Buttigieg hareg *sachet* zghir bi trab abjad suspettat kokaina. Qal illi hu eleva l-borza u Kurt qallu li ma kinitx tieghu. Rega’ tah il-caution. Issigilla l-borza. Qal illi dakinhar kien duty mill-5.00am sat-3.00pm, u li x-xita kienet kontinwa, bla waqfien, pero l-borza li eleva minn mal-art kienet niexfa.

**PS 1086 Johann Micallef** qal illi fis-16 ta’ Novembru, 2011, ghall-habta ta’ 12 – 12.15 innutaw taxi wieqfa hdejn il-Lidl ta’ Santa Venera. Raw li sar kuntatt mill-imputat ma’ persuni maghrufa minnhom fid-dinja tad-droga – certu Fuxu. It-taxi skondtu kienet iggib in-numru 105. Qal illi hu flimkien ma’ PS 891 nizlu ghal fuq dan il-Fuxu.
Giet nfurmat minn PC 10 illi kienu sabu xi haga fuq Kurt Buttigieg. Ghamlu anke tfittxija fir-residenza ta’ Santa Venera ta’ Kurt Buttigieg, fejn mill-kcina gew elevati zewg tipi ta’ boroz – qal illi fihom instabu boroz vojta ohra.

**PS 891 Oscar Baldacchino** qal illi hu flimkien ma' PS 1086 Micallef raw fl-inhawi tal-Lidl ta' Santa Venera taxi bajda bin-numru tar-registrazzjoni CTY105 tat-tip Volkswagen Passat. Raw lix-xufier ta' din il-vettura jaghmel kuntatt ma' bniedem maghruf maghhom fid-dinja tad-droga. Hu u siehbu waqqfu lil din il-persuna, mentri shabu l-ohra segwew lit-taxi. Il-persuna li kien qed jaghmel referenza ghaliha semmieha bhala certu Joseph Zammit maghruf bhala l-Fuxu.

**PS 579 Antoine Micallef** xehed illi hu flimkien ma' membri ohra tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga affettwaw tfittxija gewwa Bambuti Court, Triq il-Fniek, Santa Venera, fejn kien jirrisjedi l-imputat. Elevaw minn hemm zewg pakketti, boroz tal-plastic u f'pakkett minnhom jghid illi kien hemm ammonti ta' boroz maqtughin f'kantunieri.

**PS 1174 Adrian Sciberras**, muri Dok KB1, gharaf id-dikjarazzjoni li ghamel Buttigieg ta' rifjut ta' konsulenza legali.

Xehed minn naha tieghu l-**Ufficjal Prosekutur u cioe' l-Ispettur Pierre Grech**, li ezebixxa kemm id-dokument KB cioe' l-istqarrija tal-imputat, u Dok KB1 id-dikjarazzjoni tal-assistenza legali. Bhala Dok KB3 ezebixxa s-somma ta' sitt mija u ghaxar Ewro (€610).
Ikkonferma li fuq dak gia' espost kien arrestat Kurt Buttigieg u saret anke Inkjesta Magisterjali (ezebita a folio 22).
Qal illi hu kien kellem lil Kurt Buttigieg u hadlu l-istqarrija ezebita.
Ezebixxa wkoll il-mobile phone u SIM card.
In kontro ezami kkonfrema li Buttigieg gie mwaqqaf ghax kien mal-imsemmi Joseph Zammit il-Fuxu, maghruf mal-

Iskwadra ta' Kontro d-Droga. Ikkonferma li d-droga misjuba fil-qalziet kellha piz minimu ta' circa 0.3 – 0.4 grammi.
Gie mistoqsi jekk Kurt Buttigieg kinx qallhom li kien ma jiflahx - wiegeb fl-affermattiv, u wiegeb li kien anke jista' jkun li haduh il-polyclinic. Ikkonferma li hu ma kien ta ebda ordni biex tingab il-medicina ghal Buttigieg.

**PC 599 Clive Mangion** xehed kemm dwar li l-imputat kien ma jiflahx wara l-arrest tieghu, kif ukoll fil-konfront tal-istqarrija. Qal, muri l-istqarrija, illi l-imputat kien gie moghti d-debita twissija, illi ghazel li jiffirma l-istess. Qal illi ghalkemm fil-bidu Kurt Buttigieg kien ghazel illi ma jwegibx ghal certi domandi, wara kien indika li ried ibiddel xi haga mill-istess stqarrija.
Mistoqsi in kontro ezami jekk fil-fatt Kurt Buttigieg qalx illi kien ma jiflahx, wiegeb fil-pozittiv, tant illi l-istess xhud hadu l-polyclinic fejn it-tabib kien tah xi panadols kif ukoll mistura. Qal illi beda jghid illi kellu grizmejh jugawgh. Qal illi r-ricetta tal-medicini, bhal ma kienet il-prassi, giet moghtija lil tal-Lock-up.

Minn naha tieghu **PC 1065 Neville Grech**, muri d-dokument KB1, cioe' r-rifjut tal-parir legali, ikkonferma li l-imputat kien irrifjuta dan.

**PC 1525 Patrick Farrugia**, mahtur fl-Inkjesta, spjega li hu kien eleva fil-presenza tal-Ispettur Pierre Grech u SOCO, dokument li minn fuqu eleva xi lifters, Dok PF.

Ghalhekk gie mahtur ghall-fini ta' ezami komparattiv **Joseph Mallia** li pprezenta r-relazzjoni tieghu Dok KB, liema ezami kien fin-negattiv, anke ghax ma setax jaghmel l-ezami mitlub

in kwantu l-impronta elevata kienet karenti mill-karatterestici necessarji.

**PS 74 Mark Chetcuti** ezebixxa fuq nomina li rcieva fl-Inkjesta, tnax(12)-il ritratt. Spjega li waqt l-inkarigu tieghu fuq ix-xena kien hemm l-Ispettur Pierre Grech kif ukoll PC 1525 u anke l-imputat.

L-**Ispettur Victor Aquilina** prezenta tliet(3) sentenzi fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva - Dok VA illi ghandha l-konnotati necessarji datata 5 ta’ Dicembru, 2007 trattando ta’ multa u piena karcerarja ta’ zmien sena(1) sospiza ghal sentejn(2), Art 28A Kap 9; Dok VA1 ukoll bil-konnotati tal-imputat datata 12 ta’ Marzu, 2009 trattando ta’ ammenda u multa; u fl-ahharnett Dok VA2, dejjem bil-konnotati tal-imputat, datata 16 ta’ Gunju, 2011 u concernando piena ta’ multa.

Xehdu tliet esperti ohra nominati.

**Godwin Sammut** dwar id-droga misjuba, li qal hekk:

a. “*Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta’ lewn abjad li hemm fid-dokument 377_11_01 u 377_11_02 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz tas-sustanza kienet ta’* ***3.82 grammi*** *u l-purita’ kienet ta’ circa* ***28%****. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

b. *Skont l-ahhar rapport li prezentat Malta, il-valur tal-kokaina kien €76 kull gramma. Dan jaghti total ta’ €290.32.*”

(Dok GS, folio 251)

Il-**Perit Valerio Schembri** mahtur minhabba l-gravant tad-distanza, ikkonkluda, wara li zamm access, illi:
"*Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni u mill-konstatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher illi l-Youth Centre, il-Manchester United Supporters Club u l-Our Lady Immaculate School jaqghu fid-distanza ta' mitt metru (100.0m) mill-postijiet indikati lill-esponent waqt l-access hekk kif elenkat fis-suespost.*"
(Dok VS, folio 126)

Fl-ahharnett **Dr Martin Bajada** ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok MB, rigwardanti analizi tac-cellulari tal-istess Kurt Buttigieg, a folio 225, fejn allura gew estratti messaggi mill-istess.

**Brian Farrugia** in rapprezentanza ta' Transport Malta, fuq ricerka fuq taxi bin-numru tar-registrazzjoni CTY105 ta' ghamla Volkswagen Passat, xehed illi din il-vettura bejn il-perjodu tat-28 ta' April, 2008 u t-22 ta' Novembru, 2011, kienet tghajjat lil certu Joseph Cutajar. Kompla jixhed li giet mibjugha lil Elya Xuereb u baqghet registrata fuqu, dan mit-22 ta' Novembru, 2011, vide Dok BF folio 114.
Spjega li s-sid fuq min tkun registrata vettura mhux necessarjament ikun is-sewwieq taghha. Qal illi jsuq taxi biss min ikollu licenzja necessarja.

Xehed anke **Joseph Zammit**, il-persuna li l-pulizija raw jaghmel kuntatt mal-imputat hdejn il-Lidl, kif aktar 'il fuq spjegat. Qal illi hu meta tawh ir-*raid* kien wahdu. Qal illi hu ma jafx biex inqabad l-imputat. Qal illi sar jaf b'dak illi gara tlitt(3) xhur wara. Qal illi waqt ir-raid meta lilu fittxulu fuqu ma sabulu xejn. Kien skondtu hdejn il-Lidl ghax martu kienet qed tixtri minn hemm. Qal illi tant kien kien vera li regghu

waslu l-pulizija hemm, qal ukoll illi dawn lanqas kienu jafu li hu hdejn il-Lidl kellu anke l-karozza. Pero meta issa fittxew fiha ma sabulu xejn.
Qal illi l-imputat kien ilu jafu u kienu semplicement iltaqghu hemm, cioe' hdejn il-Lidl. Ma jiftakarx dakinhar tal-incident in ezami x'karozza kellu l-imputat.

Kurt Buttigieg irrilaxxa stqarrija kif gia' inghad, ezebita a folio 183, dan wara anke li kien irrinunzja ghall-assistenza legali.
Ammetta li fost xoghol iehor ma' missieru kien anke jaghmel xoghol bit-taxi. Ammetta li kien jabbuza mid-droga – kokaina. Ammetta li kien ibiegh biss id-droga kokaina, pero ma wegibx kemm kien ilu jaghmel dan. Ammetta li kien ibiegh pakketti tad-droga bhal dawk li kienu sabulu l-pulizija – ma riedx pero jwiegeb kemm kien ibiegh kokaina. Lanqas ma ried iwiegeb dwar il-provenjenza tal-flus misjuba fl-ammont ta' sitt mija u ghaxar Ewro (€610).
Ghall-kumplament tad-domandi li sarulu, kif kien drittu, ghazel illi ma jwegibx.

Dan huwa s-succint tal-provi prodotti.

Konsegwentement, ezaminati l-provi, il-Qorti tghaddi biex tara jekk bihom il-Prosekuzzjoni waslitx sal-grad li trid il-Ligi biex tipprova l-akkuzi li ressqet kontra Kurt Buttigieg.

Mill-fatti jirrizulta pruvat illi l-pulizija raw lil Kurt Buttigieg jaghmel kuntatt ma' certu Joseph Zammit, dan tal-ahhar persuna maghrufa maghhom fid-dinja tad-droga.
Grupp segwa lil Buttigieg u iehor lil Zammit. Fuq Zammit ma nstab xejn.

Kemm PC 10 u PS 760 xehdu li segwew lix-xufier ta’ taxi bajda li kien l-imputat, u li meta waqqfuh, l-imputat gie nnutat jaghmel xi haga ma’ dahru, ghalhekk meta PC 10 gibidlu l-qalziet gol-warrani, sablu mohbi borza bi trab abjad.
Iz-zewg pulizija sabu borza mal-art li kien fiha blokki bojod suspettati kokaina. PC 10 jikkalkula li kienet zewg metri ‘l boghod mill-akkuzat.
PC 760 ta kalkolu ta’ metru, metru u nofs. It-tnejn qablu li ghalkemm dakinhar tal-incident kienet ilha taghmel hafna xita, il-boroz misjuba mal-art kienu niexfa.

Mill-bieba tal-vettura nstabu wkoll pepper spray, u sitt mija u ghaxar Ewro (€610).

Mid-dar tieghu, imbaghad gew elevati anke boroz gia’ mqattghin f’kantunieri.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi addebitati lil Kurt Buttigieg fejn si tratta d-droga huma li forna, jew prokura biex iforni droga kokaina, il-pussess aggravat u semplici tal-istess droga, bl-aggravju tad-distanza tal-mitti (100) metru.

Ikkunsidrat:

Illi verament is-suspett li gie mqajjem mill-pulizija biex twassal li twaqqaf lil Buttigieg kien il-kuntatt li hu gie milmugh jaghmel ma’ Joseph Zammit stante li Zammit kien ben risaput mal-pulizija tal-Iskwadra ta’ Kontra d-Droga. Fil-fatt mit-tfittxija li saret fuq dan Zammit il-pulizija ma sabet xejn illegali.

Ma ngabet ebda prova li bejn Buttigieg u Zammit ghaddiet xi droga, illi Buttigieg ta jew offra li jaghti droga lil Buttigieg - jew lil haddiehor jekk nigu f'dan.

M'hemmx prova li pprokura, li ottjena jew gab droga ghal Zammit, jew li fornieh, issuplixxieh bl-istess, jew lil haddiehor – ghaldaqstant qed jigi liberat mill-ewwel akkuza.

It-tieni akkuza li trid tigi pruvata hija dik ta' pussess aggravat u semplici, ovvjament il-pussess semplici nnifsu jehtieg jigi pruvat biex wara jsir l-ezami ta' dak aggravat – cioe' mhux ghall-uzu esklussiv.

Certament u bla dubbju, ma hemm ebda hard and fast rules jew xi tipi ta' guide lines, ghajr dawk li gew stabbiliti fil-gurisprudenza li jiddeterminaw il-pussess semplici mill-pussess aggravat.
Illi huwa biss mill-ezami tal-fatti migjuba li l-Qorti tista' biss tasal ghal dan.

Gie stabbilit illi minn fuqu, cioe' minn fuq il-persuna ta' Kurt Buttigieg, PC 10 eleva, ha borza b'ghoqda bi trab abjad li nafu - mill-analizi maghmula, illi kienet kokaina. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-imputat huwa certament hati ta' pussess semplici ta' kokaina, del resto ammetta fl-istqarrija l-uzu taghha.
Qal ukoll illi kien jaghmel id-droga f'boroz b'ghoqiedi, droga ntiza ghall-uzu tieghu, kif ukoll li kokaina kien jiehu zewg grammi f'gimgha, fil-weekend biss.

Jirrizulta wkoll illi bejn zewg metri u metru 'l boghod mill-vettura tieghu, mal-art il-pulizija sabu diversi boroz ukoll mimlija bil-kokaina.

Per parentesi, ukoll jidhru mir-ritratti mehuda mis-SOCO – PS 74 Mark Chetcuti (folio 184), kollha bl-istess ghoqda. Qalu wkoll dawn il-pulizija li meta sabu din is-sustanza, nonostane li kienet ix-xita u kienet ilha niezla, dawn il-boroz misjuba ‘l boghod mill-vettura kienu niexfa. Mistoqsi dwarhom, kif kien drittu fl-istqarrija, ghazel illi ma jwegibx.

Issa, kif gia’ inghad, certament tad-droga li kellu fuqu, gialadarba anke prova jahbiha fil-boxer, mhux talli kellu pussess imma anke xjenza.

Jintheg illi jigi ghalhekk stabbilit jekk fil-fatt kellux xjenza tad-droga li nstabet mal-art u l-pussess taghha, ftit qabel ma xehitha hemm - jekk kien hu li ghamel hekk.

Certament f’Santa Venera, hdejn il-Lidl, mhux solitament li wiehed jinkontra boroz fit-triq mimlija b’sustanza bajda.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet “***Il-Pulizija(Spettur Neil Harrison) vs John Borg***” deciza nhar it-23 ta’ Gunju, 1997, qalet hekk:

“*Dwar x’jammonta ghal pussess ghal finijiet tal-ligi in dezamina, din il-Qorti diga’ kellha l-opportunita’ li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta’ Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet “**Il-Pulizija vs Seiffedine Mohamed Marshan**”*

*F’dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta’ oggett f’post (dar, karozza, kamra ecc) li fuqu persuna ghandha xi forma ta’ kontroll tista’, taht certi cirkostanzi, tammonta ghal* pussess *ta’ dak l-oggett, u jekk dak l-oggett jirrizulta bhala fatt li hu droga li taqa’ taht il-Kap 101, allura l-Ligi tipprezumi, salv prova kontrarja, imqar fuq bazi ta’ probabilita’, li l-pussessur kien jaf illi dak l-oggett kienet*

*droga (ara wkoll P vs Charles Clifton, App Krim 5 ta' Lulju, 1982).*"

Dwar jekk l-imputat kellux kontroll tad-droga li nstabet fl-art, il-Qorti hawn, ghall-ahjar analizi, ser taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "***Il-Pulizija (Spt Neil Harrison) vs Keith Stagno Navarro***", deciza nhar is-27 ta' April, 2006. Qalet dwar xjenza u pussess is-segwenti:

"*Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f' post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-appellant, pero' dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f' post li fuqu persuna jista' ikollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu , wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f' daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe' li jkun konsapevoli li f' dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe' meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-*

*pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f' fost fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F' ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-ezistenza tad-droga f' dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija.*"

Jinhtieg allura, illi l-provi jwasslu biex jigi pruvat minghajr ebda dubbju ragonevoli, illi Buttigieg mhux biss kellu xjenza tad-droga, imma kien anke fil-pussess effettiv taghha qabel ma nstabet mal-art mill-pulizija.

Dwar ix-xjenza, referenza ssir ukoll ghal dak illi qalet ukoll il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha "***Il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya bent Abdellatif***" datata 16 ta' Frar, 1998:

"*Il-Ligi taghna, kemm ghal dak illi jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak illi jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101), "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A(1), Kap 101) u <u>mhux</u> dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma ridx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet*

*droga f'Malta, hi prezunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82; P vs Martin Xuereb, 20/9/96; P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96; u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali);*"

Illi l-fatturi li jwasslu lill-Qorti ghall-konkluzjoni taghha, huma li l-borza li nstabet ghand l-imputat hija b'kumbinazzjoni bl-istess ghoqiedi bhal dawk illi nstabu mal-art, dejjem bid-droga kokaina. Instabu wkoll boroz, kantunieri tal-istess gor-residenza tieghu, generalment intizi bhala kontenitur tad-droga.

Illi fattur iehor illi juri li d-droga qabel kienet f'kustodja hija li l-boroz kienu nexfin. L-unika konkluzjoni li tista' tasal ghaliha din il-Qorti, hija li d-droga nfetghet mal-art mill-imputat - del resto ghazel hu li ma jaghti ebda prova kuntrarja ohra sodisfacenti sal-grad tal-probabbli.

Saljenti wkoll li meta l-imputat inhareg mill-vettura u bdiet issir is-search, kien ghal kollox wahdu.

Illi ghaldaqstant, kif gia' ntqal, il-Qorti tqis illi d-droga kollha misjuba kienet ta' Kurt Buttigieg. Jibqa' biex jigi detereminat jekk tali kinitx ghall-uzu, pussess personali u esklussiv tieghu.

Kif gia’ inghad, dan huwa fattur illi jista’ jigi determinat mic-cirkostanzi. L-ammont li ghandu giet misjuba d-droga Buttigieg gie stabbilit li kien ta’ 3.82 grammi bil-purita’ ta’ 28%. Tali ammont mhux l-akbar u l-aktar allarmanti li qatt skuntrat din il-Qorti. Pero l-ammont imqassam go boroz, lest u stivat, inissel certezza fil-Qorti li dan ma kinx ghall-uzu eslussiv tal-imputat.

Konsegwentement issib htija tat-tieni u t-tielet akkuza.

Rat ukoll ir-rapport tal-Perit Valerio Schembri u ghalhekk jirrizulta wkoll il-gravanti tad-distanza.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti, u tqis illi anke l-addebitu tar-recidiva gie ppruvat.

Rat ghalhekk GN 292/1939; L.S. 101.02 Reg 9; ir-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, ghalhekk ukoll l-Ewwel Skeda tal-istess; ukoll l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lil Kurt Buttigieg ghal piena karcerarja ta’ erba’ (4) snin, u ghal multa ta’ hamest elef Ewro (€5,000).

Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna lil Kurt Buttigieg ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn tliet mija u hamsa u sittin Ewro u tnax-il centezmu (€2,365.12)

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tas-somma ta’ sitt mija u ghaxar Ewro (€610), immarkata bhala KB 574.2011; u tal-mobile phone, immarkat bahla KA 30.2013.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB 269.2013.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------